MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2014

Numru 579/2013

Il-Pulizija

(Spettur Robert Said Sareo)

vs

Jacob Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 368255m, akkuzat talli:

1. nhar il-25 ta' Frar 2013 wara nofs in-nhar gewwa Triq ix-Xatt Juan B. Azzopardi, Isla, volontarjament hebb ghall-persuna ta' Renald Cutajar permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Renald Cutajar, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 448573m u ikkagunalu griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr Aldo Fiorini mic-centru tas-sahha ta' Bormla;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma li taqta u bil-ponts minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tikkundannah ghall-hlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tapplika l-Artikolu 383. 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati flimkien mal-Artikolu 412(C) tac-citat Kap;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsiderat:

L-imputazzjoni l-aktar gravi tipotizza l-attentat ta' ferita gravi permezz ta' arma regolari aggravat bir-recidiva. L-imputazzjonijiet l-ohra huma konsegwenzjali. Jiskaturixxu minn incident li sehh fil-gurnata, hin u lok indikati fit-tahrika. Kien ghal habta tat-3.00pm li kien inqala argument il-klab tar-regatta ta' l-Isla bejn l-imputat u certu Renald Cutajar. Fil-kors tal-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija dwar dan l-incident gie elevat mus minn gewwa l-vettura tal-imputat li sostna maghhom li kien hadu minn idejn l-aggressur tieghu, l-parti leza Cutajar, li minn naha tieghu sostna (dejjem mal-pulizija) li kien l-imputat li kien hareg dan il-mus u laqtu f'idu l-leminija. Mill-protagonisti f'dan il-kaz ma xehed hadd minnhom u l-Qorti ghandha biss l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, l-okkorrenza, u x-xhieda ta' certu Frank Abela.

Intant, l-istqarrija tal-imputat ma tinstabx kontradetta mill-parti leza li kif accennat ma xehditx u mill-banda l-ohra x-xhieda ta' Abela ma taghti ebda tgharif utili ghajr li kienu qabdu jiggieldu, spiccaw il-bahar fejn komplew jiggieldu u wara ftit telghu u gew separati minn xulxin. Mitsoqsi jekk kien hemm xi arma li ntuzat waqt l-glieda x-xhud irrisponda li kien sema' lil xi hadd isemmi sikkina pero' hu ma ra xejn. In kwantu ghall-istqarrija tal-imputat hu jammetti li kienu gew fl-idejn hu u l-parti allegatament leza. Ta spiega fuq x'hiex kien inqala l-incident u dwar l-arma regolari, igifieri l-mus, u qal li kien hatfu

minn idejn l-imsemmi Cutajar u poggih fil-vettura tieghu minn fejn elevawh il-pulizija. Fil-konfront ta' dan il-mus ma gie prodott ebda xhieda dwar jekk kienx hemm fuqu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Pero' mhux biss ghaliex lanqas m'ghandha l-Qorti prova li verament ntuza u jekk intuza minn min.

Dwar l-akkuza kontravenzjonali tal-ksur tal-paci pubblika din palesement ma tirrizutax.

Fuq daqshekk il-Qorti ma tarax li ghandha bizzejjed ghall-konvicju tal-imputat u ghaldqastant tilliberah.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------